Ombudsman Ewropew

# Il-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba

MT





Il-missjoni tagħna hi li nservu d-demokrazija billi naħdmu mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex noħolqu amministrazzjoni aktar effettiva, responsabbli, trasparenti u etika.

# Werrej


2 Kelmtejn qabel

4 Introduzzjoni

12 Il-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba




# Kelmtejn qabel

Għażiż Qarrej,

Hu pjaċir kbir tiegħi li nippreżentalek din il-verżjoni aġġornata ta' *Il-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba* — li kien approvat għall-ewwel darba mill-Parlament Ewropew fl-2001.

Bħala l-Ombusdman Ewropew, jiena kont xhud tal-integrità, id-dedikazzjoni u l-umanità ta' ħafna impjegati taċ-ċivil Ewropej. Dan il-Kodiċi għandu l-għan li jappoġġja dawk l-isforzi billi jaqsam l-aħjar prattika u billi jippromwovi — fl-istituzzjonijiet u lil hinn minnhom — kultura amministrattiva Ewropea armonizzata li tiffoka fuq iċ-ċittadin, li tisma' miċ-ċittadini, in-negozji u l-partijiet interessati u li titgħallem mill-interazzjoni tagħha magħhom.

Il-kodiċi jipprovdi gwida dwar passi prattiċi lejn iktar effettività, trasparenza u responsabbiltà u l-uffiċċju tiegħi dejjem huwa disponibbli li jipprovdi pariri informali addizzjonali jekk ikun meħtieġ.

Min-natura tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (UE), jispiraw ruħhom mill-esperjenza kbira u l-perspettiva wiesgħa tal-Istati Membri. Għalhekk, il-ħolqien ta' kultura ta' servizz armonizzata, jista' jkun ta' sfida. Madankollu, l-istituzzjonijiet dejjem qegħdin isiru iktar konxji tal-utilità ta' approċċ iffukat fuq iċ-ċittadin, u nittama li dan se jkompli.

Nemmen li l-ħtieġa ta' dan il-Kodiċi qatt ma kienet ikbar hekk kif għaddejjin minn skrutinju mingħajr preċedent tat-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropej. Ninsab fiduċjuża li l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod ġenerali huma b'saħħithom biżżejjed biex jissodisfaw dawn id-domandi ta' skrutinju. Madankollu, l-istituzzjonijiet għandhom jaċċettaw skrutinju bħal dan bħala norma ta' responsabbiltà u ma jsirux difensivi jew evażivi.

Iċ-ċittadini tal-UE għandhom dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Konsegwentement, l-istituzzjonijiet għandhom jilqgħu l-bidla u l-isfida u jkunu proattivi fit-titjib u t-tisħiħ tal-kwalità u l-effiċjenza ta' xogħolhom.

Dan huwa l-kontribut tal-istituzzjoni tiegħi biex tissodisfa dawk l-isfidi. Grazzi talli sibt il-ħin biex tikkunsidra dan il-Kodiċi u l-uffiċċju tiegħi jinsab lest biex jassistik bi kwalunkwe domanda li jista' jkollok.

*Le gach dea-ghuí,*

Emily O'Reilly
Ombudsman Ewropew

# Introduzzjoni

Amministrazzjoni tajba mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, u mill-organi tal-Unjoni Ewropea (l-"istituzzjonijiet tal-UE") hija ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u għar-residenti Ewropej kollha. Hija ta' importanza partikolari għal persuni li għandhom x'jaqsmu direttament mal-istituzzjonijiet tal-UE.

Sa mill-approvazzjoni tiegħu mill-Parlament Ewropew fl-2001, *Il-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba* sar strument vitali għall-attwazzjoni tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Jgħin liċ-ċittadini individwali jifhmu u jiksbu d-drittijiet tagħhom, u jippromwovi l-interess pubbliku f'amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti.

Il-Kodiċi jgħin liċ-ċittadini jsiru jafu liema standards amministrattivi huma intitolati jistennew mill-istituzzjonijiet tal-UE. Iservi wkoll bħala gwida utli għall-uffiċjali pubbliċi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Billi jagħmel il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba aktar konkret, il-Kodiċi jgħin biex iħeġġeġ l-ogħla standards ta' amministrazzjoni.

Fl-istess ħin li approva l-Kodiċi, il-Parlament Ewropew adotta wkoll riżoluzzjoni li ssejjaħ lill-Ombudsman Ewropew biex japplika l-Kodiċi meta jeżamina jekk tkunx seħħet amministrazzjoni ħażina. Għaldaqstant, l-Ombudsman jagħmel referenzi xierqa għall-Kodiċi waqt l-inkjesti tiegħu, kif ukoll fix-xogħol proattiv tiegħu biex jippromwovi amministrazzjoni tajba.



Daqqa t'id



L-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li jagħmel inkjesti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, u l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt iressaq ilment quddiem l-Ombudsman. Residenti, kumpanniji, u assoċjazzjonijiet ukoll jistgħu jippreżentaw ilmenti.

Dan id-dritt huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, iggarantit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (l-Artikolu 43).

M’hemm l-ebda ħtieġa li l-persuna li tilmenta għandha tkun personalment affettwata mill-amministrazzjoni ħażina jew ikollha xi interess speċjali fil-każ.

L-Ombudsman iwettaq ukoll inkjesti fuq l-inizjattiva tiegħu stess.

## Id-dritt għal amministrazzjoni tajba

L-Ombudsman ma għandu l-ebda setgħa li jieħu deċiżjonijiet legalment vinkolanti, u *L-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba* lanqas ma huwa strument legalment vinkolanti. Hemm, madankollu, sovrapożizzjoni bejn elementi tal-Kodiċi u d-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba, li huwa stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona f'Diċembru 2009, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandha l-istess valur legali bħat-Trattati. B'riżultat ta' dan, issa kulħadd huwa legalment intitolat għal amministrazzjoni tajba tal-affarijiet tiegħu jew tagħha mill-istituzzjonijiet tal-UE.



## Id-dritt għal amministrazzjoni tajba (Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea)

**1.** Kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni.

**2.** Dan id-dritt jinkludi:

a. id-dritt ta' kull persuna li tinstema', qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha negattivament;

b. id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-fajl li jikkonċernaha, filwaqt li jiġu rrispettati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju;

c. l-obbligu għall-amministrazzjoni li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

**3.** Kull persuna għandha d-dritt li l-Unjoni tagħmel tajjeb għal danni kkaġunati mill-istituzzjonijiet jew l-uffiċjali tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri.

**4.** Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni f'waħda mil-lingwi tat-Trattati u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa.













# Il-prinċipji tas-servizz pubbliku

L-applikazzjoni sħiħa u korretta tal-Kodiċi, tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u l-liġi tal-UE b'mod ġenerali, tiddependi mill-eżistenza ta' kultura ta' servizz fi ħdan l-amministrazzjoni, fejn uffiċjali pubbliċi jifhmu u jinternalizzaw il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

L-istandards etiċi huma komponent vitali tal-kultura ta' servizz.

F'Ġunju 2012, wara konsultazzjoni pubblika, l-Ombudsman ippubblika distillazzjoni ta' livell għoli tal-istandards etiċi li l-amministrazzjoni pubblika tal-UE tosserva. Dawn ħadu l-forma ta' ħames prinċipji tas-servizz pubbliku li jinsabu hawn taħt.

## Prinċipji tas-servizz pubbliku li għandhom jiggwidaw lill-ħaddiema tas-servizz pubbliku tal-UE

### 1. Impenn lejn l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandhom ikunu konxji li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jeżistu sabiex iservu l-interessi tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha sabiex jilħqu l-għanijiet tat-Trattati.

Huma għandhom jagħmlu rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet biss sabiex iservu dawn l-interessi.

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandhom jagħmlu ħilithom sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom bl-aħjar mod possibbli u għandhom dejjem jaħdmu biex jilħqu l-ogħla standards professjonali.

Huma għandhom ikunu konxji mill-pożizzjoni tagħhom ta' fiduċja pubblika u għandhom jagħtu eżempju tajjeb lill-oħrajn.

### 2. Integrità

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandhom ikunu ggwidati minn sens ta' deċenza u dejjem għandhom jaġixxu b'mod li jiflaħ għal skrutinju bir-reqqa mill-pubbliku. Dan l-obbligu ma jkunx rispettat b'mod sħiħ sempliċiment għax wieħed jimxi mal-liġi.

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku m'għandhomx ipoġġu lilhom infushom taħt xi obbligu finanzjarju jew xi obbligu ieħor li jista' jinfluwenzahom fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, inkluż billi jirċievu rigali. Huma għandhom minnufih jistqarru kwalunkwe interess privat marbut mal-funzjonijiet tagħhom.

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandhom jieħdu passi biex jevitaw il-kunflitti ta' interess u l-apparenza ta' kunflitti bħal dawn. Huma għandhom jieħdu azzjoni malajr sabiex isolvu kull kunflitt li jinħoloq. Dan l-obbligu jkompli meta huma ma jibqgħux fil-kariga tagħhom.




**3. Oġġettività**

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandhom ikunu imparzjali, b'moħħhom miftuħ, immexxija mill-evidenza, u disposti li jisimgħu opinjonijiet differenti. Huma għandhom ikunu lesti li jirrikonoxxu u jikkoreġu l-iżbalji.

Fi proċeduri li jinvolvu evalwazzjonijiet komparattivi, il-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandhom jibbażaw ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet biss fuq il-mertu u kwalunkwe fattur ieħor preskritt espressament bil-liġi.

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku m'għandhomx jiddiskriminaw jew jippermettu li l-fatt li togħġobhom jew ma togħġobhomx persuna partikolari jinfluwenza l-imġiba professjonali tagħhom.

### 4. Rispett lejn l-oħrajn

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandhom jaġixxu billi juru rispett lejn xulxin u lejn iċ-ċittadini. Huma għandhom ikunu edukati, ta' għajnuna, puntwali u kooperattivi.

Huma għandhom jagħmlu sforzi ġenwini biex jifhmu dak li qiegħed jgħidilhom ħaddieħor u jesprimu ruħhom b'mod ċar, billi jużaw lingwaġġ sempliċi.

### 5. Trasparenza

Il-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandhom ikunu lesti li jispjegaw l-attivitajiet tagħhom u li jagħtu raġunijiet għall-azzjonijiet tagħhom.

Huma għandhom iżommu reġistri xierqa u jilqgħu l-iskrutinju pubbliku tal-imġiba tagħhom, inkluż il-konformità tagħhom ma' dawn il-prinċipji tas-servizz pubbliku.



Jekk il-ħaddiema tas-servizz pubbliku jżommu f'moħħhom dawn il-prinċipji, dawn jistgħu jgħinuhom jifhmu u japplikaw ir-regoli u l-prinċipji b'mod korrett, u jiggwidawhom lejn id-deċiżjoni t-tajba f'sitwazzjonijiet fejn għandhom jeżerċitaw ġudizzju.

Il-prinċipji għalhekk jgħinu biex jgħollu l-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika, isaħħu l-istat tad-dritt, u jnaqqsu l-probabbiltà li l-poter diskrezzjonali jintuża b'mod arbitrarju.

Kull meta jkunu rilevanti, l-Ombudsman jirreferi għall-prinċipji fl-inkjesti dwar amministrazzjoni ħażina possibbli fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, u tal-organi tal-UE.

## Il-Kodiċi u l-Istati Membri

Il-Kodiċi, bħall-Artikolu 41 tal-Karta u l-prinċipji tas-servizz pubbliku, huwa direttament applikabbli biss għall-istituzzjonijiet u għall-ħaddiema tas-servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu, il-Kodiċi pprovda ispirazzjoni għal ċerti testi simili f'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, fi stati kandidati u f'pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, kif l-ispjegazzjonijiet li jakkumpanjaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali juru b'mod ċar, id-dritt għal amministrazzjoni tajba huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-amministrazzjoni tajba bħala prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE. Prinċipji ġenerali bħal dawn jorbtu wkoll lill-Istati Membri meta jaġixxu fil-kamp tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE.

# Il-Kodiċi Ewropew ta’ Mġiba Amministrattiva Tajba



**Il-Kodiċi approvat mill-Parlament Ewropew jinkludi d-dispożizzjonijiet sostantivi li ġejjin[1]:**

## Artikolu 1
## Dispożizzjoni ġenerali

Fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku, l-istituzzjonijiet u l-uffiċjali tagħhom għandhom jirrispettaw il-prinċipji stipulati f'dan il-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, iktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi".

## Artikolu 2
## Kamp ta' applikazzjoni *ratione personae*

**1.** Il-Kodiċi għandu japplika għall-uffiċjali u l-aġenti l-oħra kollha li għalihom japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra, fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Iktar 'il quddiem, it-terminu "uffiċjal" jirreferi kemm għall-uffiċjali kif ukoll għall-aġenti l-oħra.

**2.** L-istituzzjonijiet u l-amministrazzjonijiet tagħhom għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet stipulati f'dan il-Kodiċi japplikaw ukoll għal persuni oħra li jaħdmu għalihom, bħal persuni impjegati b'kuntratti rregolati mid-dritt privat, esperti ssekondati mis-servizzi ċivili nazzjonali u apprendisti.

**3.** It-terminu "pubbliku" jirreferi għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, kemm jekk jirrisjedu jew għandhom l-uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru kif ukoll jekk le.

**4.** Għall-għanijiet ta' dan il-Kodiċi:

a. it-terminu "istituzzjoni" għandu jfisser istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni Ewropea;

b. "Uffiċjal" għandu jfisser uffiċjal jew aġent ieħor tal-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 3
## Kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*

**1.** Dan il-Kodiċi jinkludi l-prinċipji ġenerali ta' mġiba amministrattiva tajba li japplikaw għar-relazzjonijiet kollha tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku, sakemm ma jkunux irregolati minn dispożizzjonijiet speċifiċi.

**2.** Il-prinċipji stipulati f'dan il-Kodiċi ma japplikawx għar-relazzjonijiet bejn l-istituzzjoni u l-uffiċjali tagħha. Dawn ir-relazzjonijiet huma rregolati mir-Regolamenti tal-Persunal.

**1.** It-test li ġej ġie aġġornat sabiex jittieħdu inkonsiderazzjoni kemm il-bidliet li saru mit-Trattat ta' Lisbona lin-nomenklatura tat-Trattati u n-numri tal-artikli tagħhom, kif ukoll ir-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman li saret fl-2008. Ġew ikkoreġuti wkoll ċerti żbalji klerikali u lingwistiċi.

## Artikolu 4
## Legalità

L-uffiċjal għandu jaġixxi skont il-liġi u għandu japplika r-regoli u l-proċeduri stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE. B’mod partikolari, l-uffiċjal għandu jara li d-deċiżjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet u l-interessi tal-individwi jkollhom bażi legali u li l-kontenut tagħhom ikun konformi mal-liġi.

## Artikolu 5
## Nuqqas ta’ diskriminazzjoni

**1.** Meta jkun qed jittratta talbiet mill-pubbliku u meta jkun qed jieħu deċiżjonijiet, l-uffiċjal għandu jiżgura li l-prinċipju ta’ trattament ugwali jiġi rispettat. Il-membri tal-pubbliku li jkunu fl-istess sitwazzjoni għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod.



**2.** Jekk jingħata trattament differenti, l-uffiċjal għandu jiżgura li dan huwa ġġustifikat minħabba l-karatteristiċi oġġettivi rilevanti tal-każ partikolari.

**3.** B'mod partikolari, l-uffiċjal għandu jevita kull diskriminazzjoni mhux iġġustifikata bejn membri tal-pubbliku minħabba n-nazzjonalità, is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

## Artikolu 6
## Proporzjonalità

**1.** Meta jieħu deċiżjoni, l-uffiċjal għandu jiżgura li l-miżuri li jittieħdu jkunu proporzjonati mal-għan mixtieq. B'mod partikolari, l-uffiċjal għandu jevita li jnaqqas id-drittijiet taċ-ċittadini jew li jimponi spejjeż fuqhom, meta ma jkunx hemm rabta raġonevoli bejn dan it-tnaqqis jew dawn l-ispejjeż u l-għan tal-azzjoni.

**2.** Meta jieħu deċiżjoni, l-uffiċjal għandu jirrispetta l-bilanċ ġust bejn l-interessi tal-individwu u l-interess pubbliku b'mod ġenerali.

## Artikolu 7
## Nuqqas ta' abbuż ta' poter

Il-poteri għandhom jiġu eżerċitati biss għall-għanijiet li għalihom ikunu ngħataw mid-dispożizzjonijiet rilevanti. B'mod partikolari, l-uffiċjal għandu jevita li juża dawn il-poteri għal għanijiet li m'għandhomx bażi legali jew li m'humiex iġġustifikati mill-interess pubbliku.

## Artikolu 8
## Imparzjalità u indipendenza

**1.** L-uffiċjal għandu jkun imparzjali u indipendenti. L-uffiċjal m'għandux jieħu azzjoni arbitrarja li taffettwa ħażin lill-membri tal-pubbliku, u lanqas ma għandu jagħti trattament preferenzjali, tkun xi tkun ir-raġuni.

**2.** L-imġiba tal-uffiċjal m'għandha qatt tiġi ggwidata mill-interess personali, familjari jew nazzjonali, jew mill-pressjoni politika. L-uffiċjal m'għandux jieħu sehem f'deċiżjoni li fiha hu, jew xi membru qarib tal-familja tiegħu, ikollhom xi interess finanzjarju.

## Artikolu 9
## Oġġettività

Meta jieħu deċiżjoni, l-uffiċjal għandu jagħti attenzjoni lill-fatturi rilevanti u jqis kull wieħed minnhom kif jixraq fid-deċiżjoni, u ma għandu jikkunsidra ebda element irrilevanti.

## Artikolu 10
## Aspettattivi leġittimi, koerenza u pariri

**1.** L-uffiċjal għandu jkun koerenti fl-imġiba amministrattiva tiegħu kif ukoll mal-azzjoni amministrattiva tal-istituzzjoni. L-uffiċjal għandu jsegwi l-prattiċi amministrattivi normali tal-istituzzjoni, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet leġittimi biex ma jsegwix dawn il-prattiċi f’każ individwali. Jekk jeżistu tali raġunijiet, għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub.

**2.** L-uffiċjal għandu jirrispetta l-aspettattivi leġittimi u raġonevoli li l-membri tal-pubbliku jkollhom fid-dawl ta’ kif tkun aġixxiet l-istituzzjoni preċedentement.

**3.** Fejn ikun meħtieġ, l-uffiċjal għandu jagħti parir lill-pubbliku dwar kif għandu jiġi ppreżentat każ li jaqa’ taħt il-kompetenza tiegħu u x’għandu jsir waqt l-analiżi tal-każ.

## Artikolu 11
## Ekwità

L-uffiċjal għandu jġib ruħu b’mod imparzjali, ekwu u raġonevoli.

## Artikolu 12
## Korteżija

**1.** L-uffiċjal għandu jkun lest li jaqdi, ikun korrett, juri korteżija u jkun disponibbli fir-relazzjonijiet tiegħu mal-pubbliku. Meta jwieġeb il-korrispondenza, it-telefon u l-e-mails, l-uffiċjal għandu jipprova jkun kemm jista’ jkun ta’ għajnuna u għandu jwieġeb il-mistoqsijiet li jsirulu bl-aktar mod komplut u preċiż possibbli.

**2.** Jekk l-uffiċjal ma jkunx responsabbli għall-kwistjoni kkonċernata, huwa għandu jirreferi liċ-ċittadin għand l-uffiċjal kompetenti.

**3.** Jekk isir żball li jaffettwa ħażin id-drittijiet jew l-interessi ta’ membru tal-pubbliku, l-uffiċjal għandu jitlob skuża u jipprova jirranġa l-effetti negattivi ġejjin mill-iżball tiegħu bl-aktar mod xieraq, u jinforma lill-membru tal-pubbliku dwar kwalunkwe dritt ta’ appell, skont l-Artikolu 19 tal-Kodiċi.

## Artikolu 13
## Tweġiba għall-ittri bil-lingwa taċ-ċittadin

L-uffiċjal għandu jiżgura li kull ċittadin tal-Unjoni jew kull membru tal-pubbliku li jikteb lill-istituzzjoni f'waħda mil-lingwi previsti fit-Trattat, jirċievi tweġiba bl-istess lingwa. Sa fejn ikun possibbli, dan għandu japplika wkoll għal persuni legali bħal assoċjazzjonijiet (organizzazzjonijiet mhux governattivi) u kumpanniji.



## Artikolu 14
## Konferma tal-wasla u indikazzjoni tal-uffiċjal kompetenti

**1.** Għal kull ittra jew ilment lill-istituzzjoni, għandha tintbagħat konferma tal-wasla tagħhom fi żmien ġimagħtejn, sakemm fl-istess tul ta' żmien ma tkunx tista' tintbagħat tweġiba sostantiva.

**2.** It-tweġiba jew il-konferma tal-wasla għandhom jindikaw l-isem u n-numru tat-telefon tal-uffiċjal li qed jittratta l-każ, kif ukoll is-servizz li fih jaħdem.

**3.** M'hemmx għalfejn tintbagħat konferma tal-wasla jew tweġiba f'każijiet fejn l-ittri jew l-ilmenti jkunu ta' natura abużiva, minħabba l-fatt li jkunu numerużi, ripetittivi jew ma jagħmlux sens.

## Artikolu 15
## Obbligu ta’ trasferiment lis-servizz kompetenti tal-istituzzjoni

**1.** Jekk ittra jew ilment lill-istituzzjoni jkunu indirizzati jew mibgħuta lil Direttorat Ġenerali, Direttorat jew Dipartiment li mhumiex kompetenti biex jittrattawhom, is-servizzi tagħhom għandhom jiżguraw li l-fajl jiġi ttrasferit minnufih lis-servizz kompetenti tal-istituzzjoni.

**2.** Is-servizz li jkun irċieva l-ittra jew l-ilment inizjalment għandu jgħarraf lill-awtur b’dan it-trasferiment, u għandu jindika l-isem u n-numru tat-telefon tal-uffiċjal li lilu jkun ingħadda l-fajl.

**3.** L-uffiċjal għandu jiġbed l-attenzjoni tal-membru tal-pubbliku jew tal-organizazzjoni lejn żbalji jew ommissjonijiet fid-dokumenti, u għandu jagħtihom l-opportunità li jirranġawhom.

## Artikolu 16
## Dritt li wieħed jingħata smigħ u li jagħmel dikjarazzjonijiet

**1.** F’każijiet li jikkonċernaw id-drittijiet jew l-interessi tal-individwi, l-uffiċjal għandu jiżgura li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża f’kull stadju tal-proċedura tat-teħid ta’ deċiżjoni.

**2.** Kull membru tal-pubbliku għandu jkollu d-dritt li jagħmel kummenti bil-miktub u, fejn ikun meħtieġ, li jagħmel osservazzjonijiet orali qabel ma tittieħed deċiżjoni li taffettwa d-drittijiet jew l-interessi tiegħu.

# Artikolu 17
## Żmien raġonevoli għat-teħid ta' deċiżjonijiet

**1.** L-uffiċjal għandu jiżgura li tittieħed deċiżjoni dwar kull talba jew ilment lill-istituzzjoni fi żmien raġonevoli, mingħajr dewmien, u f'kull każ sa mhux aktar minn xahrejn wara d-data ta' meta jkunu waslu. L-istess regola għandha tiġi applikata għat-tweġibiet lil ittri minn membri tal-pubbliku u għat-tweġibiet lil noti amministrattivi li l-uffiċjal jibgħat lis-superjuri tiegħu biex jitlob li jingħata istruzzjonijiet dwar id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu.

**2.** Jekk, minħabba l-komplessità tal-kwistjonijiet li jkunu tqajmu, ma tkunx tista' tittieħed deċiżjoni dwar talba jew ilment li jkunu saru lill-istutuzzjoni fiż-żmien fuq imsemmi, l-uffiċjal għandu jgħarraf lill-awtur b'dan mill-aktar fis. F'dak il-każ, l-awtur għandu jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni definittiva fl-iqsar żmien possibbli.



## Artikolu 18
## Dmir li jiġu indikati r-raġunijiet tad-deċiżjonjiiet

**1.** Kull deċiżjoni tal-istituzzjoni li tista' taffettwa ħażin id-drittijiet jew l-interessi ta' persuna privata għandha tindika r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata, u għandha tispeċifika b'mod ċar il-fatti rilevanti u l-bażi legali tad-deċiżjoni.

**2.** L-uffiċjal għandu jevita li jieħu deċiżjonijiet li huma bbażati fuq raġunijiet sommarji jew vagi, jew li ma jinkludux raġunament individwali.

**3.** Jekk, minħabba n-numru kbir ta' persuni milquta minn deċiżjonijiet simili, ma jkunx possibbli li r-raġunijiet tad-deċiżjoni jiġu kkomunikati fid-dettal, u għalhekk jintbagħtu tweġibiet standard, l-uffiċjal għandu aktar 'il quddiem jipprovdi raġunament individwali liċ-ċittadini li espressament jitolbu dan.



## Artikolu 19
## Indikazzjoni tal-possibbiltajiet ta' appell

**1.** Deċiżjoni tal-istituzzjoni li tista' taffettwa ħażin id-drittijiet jew l-interessi ta' persuna privata għandha tinkludi indikazzjoni tal-possibbiltajiet ta' appell li jeżistu biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni. B'mod partikolari, id-deċiżjoni għandha tindika n-natura tar-rimedji, l-entitajiet li quddiemhom jistgħu jiġu eżerċitati, kif ukoll it-termini li fihom jistgħu jiġu eżerċitati.

**2.** B'mod partikolari, id-deċiżjonijiet għandhom isemmu l-possibbiltà li jsiru proċeduri legali u lmenti lill-Ombudsman skont il-kundizzjonijiet stipulati rispettivament fl-Artikoli 263 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 20
## Notifika tad-deċiżjoni

**1.** L-uffiċjal għandu jiżgura li l-persuni li d-drittijiet jew l-interessi tagħhom huma affettwati minn deċiżjoni jiġu nnotifikati bil-miktub, malli tittieħed id-deċiżjoni.

**2.** L-uffiċjal m'għandux jikkomunika d-deċiżjoni lil għejun oħra sakemm il-persuna jew persuni kkonċernati ma jkunux ġew infurmati biha.

## Artikolu 21
## Protezzjoni tad-data

**1.** L-uffiċjal li jittratta data personali dwar ċittadin għandu jirrispetta l-privatezza u l-integrità tal-individwu skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data[2].

**2.** B'mod partikolari, l-uffiċjal għandu jevita li jipproċessa data personali għal skopijiet illeċti jew li jgħaddi din id-data lil persuni mhux awtorizzati.

## Artikolu 22
## Talbiet għal informazzjoni

**1.** Meta jkun responsabbli għall-kwistjoni kkonċernata, l-uffiċjal għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba lill-membri tal-pubbliku. Meta jkun il-każ, l-uffiċjal għandu jagħti parir dwar kif għandha tinbeda proċedura amministrattiva li taqa' taħt il-qasam ta' kompetenza tiegħu. L-uffiċjal għandu jara li l-informazzjoni mogħtija tkun ċara u tista' tinftiehem.

**2.** ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Volum 26, p. 102.

**2.** Jekk talba bil-fomm għal informazzjoni tkun ikkumplikata jew wiesa’ wisq biex tiġi ttrattata, l-uffiċjal għandu jagħti parir lill-persuna kkonċernata sabiex tressaq it-talba tagħha bil-miktub.

**3.** Jekk uffiċjal ma jkunx jista’ jagħti l-informazzjoni meħtieġa minħabba n-natura kunfidenzjali tagħha, huwa għandu jagħti lill-persuna kkonċernata r-raġunijiet għalfejn ma jistax jagħtiha l-informazzjoni, skont l-Artikolu 18 ta’ dan il-Kodiċi.

**4.** F’dak li jikkonċerna talbiet għal informazzjoni fuq kwistjonijiet li dwarhom m’għandu l-ebda responsabilità, l-uffiċjal għandu jindika l-persuna kompetenti lil min ikun għamel it-talba u għandu jagħtih isimha u n-numru tat-telefon tagħha. F’dak li jikkonċerna talbiet għal informazzjoni fuq istituzzjoni oħra tal-UE, l-uffiċjal għandu jindika dik l-istituzzjoni lil min ikun għamel it-talba.

**5.** Fejn ikun il-każ u skont is-suġġett tat-talba, l-uffiċjal għandu jindika lill-persuna li qed tfittex l-informazzjoni s-servizz tal-istituzzjoni li huwa responsabbli għall-għoti ta’ informazzjoni lill-pubbliku.

## Artikolu 23
## Talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti

**1.** L-uffiċjal għandu jittratta talbiet għall-aċċess għal dokumenti skont ir-regoli adottati mill-istituzzjoni u skont il-prinċipji ġenerali u l-limiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001[3].

**2.** Jekk l-uffiċjal ma jkunx jista’ jissodisfa talba bil-fomm għall-aċċess għal dokumenti, iċ-ċittadin għandu jingħata l-parir li jressaq it-talba tiegħu bil-miktub.

## Artikolu 24
## Żamma ta’ reġistri adegwati

Id-dipartimenti tal-istituzzjoni għandhom iżommu reġistri adegwati tal-posta dieħla u ħierġa, tad-dokumenti li jirċievu u tal-azzjoni meħuda.

## Artikolu 25
## Informazzjoni lill-pubbliku dwar il-kodiċi

**1.** L-istituzzjoni għandha tieħu miżuri effettivi biex tinforma lill-pubbliku dwar id-drittijiet li jgawdu skont dan il-Kodiċi. Jekk ikun possibbli, hija għandha tpoġġi dan it-test f’forma elettronika u tippubblikah fuq il-website tagħha.

**3.** ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Volum 3, p. 331.



**2.** F’isem l-istituzzjonijiet kollha, il-Kummissjoni għandha tippubblika u tqassam il-Kodiċi liċ-ċittadini f’forma ta’ fuljett.

## Artikolu 26
## Dritt li jitressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew

Kull nuqqas min-naħa ta’ istituzzjoni jew uffiċjal li jikkonformaw mal-prinċipji stipulati f’dan il-Kodiċi jista’ jkun is-suġġett ta’ lment lill-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut tal-Ombudsman Ewropew[4].

## Artikolu 27
## Verifika tal-implimentazzjoni

Wara sentejn, kull istituzzjoni għandha tivverifika l-implimentazzjoni minnha tal-Kodiċi u għandha tinforma lill-Ombudsman Ewropew bir-riżultati tal-verifika tagħha.

**4.** Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq ta’ l-obbligi ta’ l-Ombudsman (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Volum 1, p. 283) kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2008/587/KE, Euratom tat-18 ta’ Ġunju 2008 (ĠU L 189,17.7.2008, p. 25).

© L-Unjoni Ewropea, 2015
Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata
dment li s-sors ikun rikonoxxut.
Dan il-ktejjeb huwa ppubblikat fuq l-Internet fuq: http://www.ombudsman.europa.eu
Disinn u tfassil minn Rosendahls - Schultz Grafisk, Albertslund, Danimarka,
u EntenEller A/S, Valby, Danimarka.
Illustrazzjonijiet ta' Toril Bækmark.
Issettjata fi FrutigerNext u Palatino.
*Printed in Belgium*
Print ISBN 978-92-9212-728-2 . doi:10.2869/67213 . QK-04-14-988-MT-C
PDF ISBN 978-92-9212-698-8 . doi:10.2869/62862 . QK-04-14-988-MT-N

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from
responsible sources
FSC® C021611

Jekk tixtieq verżjoni b'tipa kbira ta' din il-pubblikazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew. Nagħmlu li nistgħu biex nipprovdu verżjoni awdjo jekk ikollna talba għaliha.

QK-04-14-988-MT-N



**Ombudsman Ewropew**
1 avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F - 67001 Strasbourg Cedex
T. +33 (0)3 88 17 23 13
F. +33 (0)3 88 17 90 62
eo@ombudsman.europa.eu

**http://www.ombudsman.europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet